# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-3 ta' Ġunju 2024**

**Talba nru. 196/2023 IS**

**GO p.l.c. (C 22334)**

***VERSUS***

**JOSEPH DIMECH TONNA (I.D. 453895 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2023 (a fol. 1 et seq), is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta' elf disa' mija u wieħed u tmenin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1,981.68) rappreżentanti servizzi tat-telefonija mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut bil-kont bin-numru 40475322, kif ukoll l-ispejjeż inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċċjali bir-riferenza 2050/2020 u bl-imgħaxijiet legali sa mis-17 ta' April 2023 sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-14 ta' Ġunju 2023 fejn is-soċjeta´ attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bin-notifika tal-konvenut (a fol. 15 u 16).

Ra illi l-konvenut ġie debitament notifikat fit-22 ta' Ġunju 2023 (a fol. 20).

Ra illi fid-29 ta' Diċembru 2023, il-konvenut ippreżenta r-risposta tiegħu (a fol. 26) u dan wara li t-Tribunal ikkonċedielu tali żmien skond il-verbal datat 14 ta' Novembru 2023 (a fol. 25).

Ra illi fil-21 ta' Frar 2024, is-soċjeta' attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 29).

Ra illi l-konvenut ma deher qatt quddiem dan it-Tribunal, ħlief l-ewwel darba u b'dan illi t-Tribunal għalaq il-provi tal-konvenut, u dan skond l-aħħar verbal datat 24 ta' April 2024 (a fol. 37).

Ra illi l-partijiet għalqu l-provi tagħhom fl-24 ta' April 2024 (a fol. 37).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar illi s-soċjeta' attriċi u l-konvenut iffirmaw ftehim bejniethom sabiex is-soċjeta' attriċi tipprovdi is-servizzi tat-telefonija lill-konvenut bil-kont numru 40475322.

Dan it-Tribunal irid issa jeżamina kemm il-punti ta' Liġi u wkoll ta' fatti sabiex ikun jista' jikkonkludi jekk tali ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi huwiex verament dovut mill-konvenut.

Il-kontumaċja tal-konvenut

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenut ġie debitament notifikat b'din it-talba fit-22 ta' Ġunju 2023 (a fol. 20) b'dan illi it-Tribunal irid jeżamina jekk il-konvenuta setax waqgħet fi stat ta' kontumaċja peress illi dan it-Tribunal jinnota illi Artikolu 4 (1) tal-leġislazzjoni sussidjarja 380.01 jipprovdi illi l-konvenut irid jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien tmintax-il jum mid-data tan-notifika, u b'dan illi l-konvenut naqas milli jagħmel dan f'dan il-każ.

Biss pero', dan it-Tribunal jinnota illi l-elementi neċessarji sabiex jkun hemm kontumaċja ġew stabbiliti mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***Costantino Abela vs George Azzopardi*** deċiża fit-28 ta' Mejju, 1990 il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi: "*Il-kontumaċja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza.*" F'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota illi il-konvenut deher għas-seduta li kien imiss wara li ġie hekk notifikata, u dan skond il-verbal datat 14 ta' Novembru 2023 (a fol. 25), u dan ukoll fejn il-konvenut ingħata d-dritt sabiex jippreżenta tali risposta u fi żmien itwal minn tmintax-il jum.

Għaldaqstant, f'dan il-każ hu ċar mill-proċess illi l-konvenut ma kien qatt fi stat ta' kontumaċja u dan it-Tribunal jinnota wkoll illi tali punt legali qatt ma tressaq mill-ebda parti formanti minn dawn il-proċeduri tul dawn l-istess proċeduri.

Talba tas-soċjeta' attriċi

Fir-rigward tal-ammont pretiż minnha, is-soċjeta' attriċi ippreżentat kopja tal-i*statement* illi juri l-ammonti kollha illi l-konvenut ħallas u anke dawk li ma ħallasx u liema tali kopja tinsab a fol. 2 sa 5, żewġ kopji taż-żewġ kuntratti iffirmati mill-konvenut li huma t-tnejn datati 13 ta'

Ottubru 2016 u mingħajr data ta' skadenza (a fol. 6 u 7) u anke ċertifikat tal-kumpaniji li juri illi s-soċjeta' attriċi ħadet fuqha l-kuntratti li kienu saru ma' kumpanija qabilha (a fol. 8).

Min-naħa tiegħu, il-konvenut ittenta jgħid fir-risposta tiegħu illi tali ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan it-Tribunal jinnota illi l-imsemmi Artikolu tal-Liġi jipprovdi illi l-azzjoni "*għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*" taqa' bil-preskrizzjoni ta' ħames snin, jew dik hekk imsejħa kwinkennali.

Biss pero', f'dan il-każ, hekk kif anke irrimarkat ir-rappreżentanza legali tas-soċjeta' attriċi, il-ħlas akkont tad-dejn iwassal sabiex tinkiser il-preskrizzjoni, u dan skond l-Artikolu 2134 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qrati tagħna iddiskutew b'mod ampju tali Artikolu tal-Liġi diversi drabi, fosthom fis-sentenza ***Emmanuel Vella u martu Maria Dolores Vella Croker v. Adelina Sacco u Connie Abdilla***.[1] B'dan illi tali preskrizzjoni *se mai*, f'dan il-każ, tibda tiddekorri mid-data tal-aħħar pagament li skond il-kopja tal-i*statement*, u liema parti mill-i*statement* tinsab a fol. 5, l-aħħar pagament mill-konvenut sar fit-3 ta' Lulju 2019 u dan anke kif kien ikkonfermat minn Maryanne Camilleri, rappreżentanta tas-soċjeta' attriċi meta xehdet fil-21 ta' Frar 2024, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 30. B'dan illi għaldaqstant tali talba tas-soċjeta' attriċi ma hix preskritta meta huwa evidenti illi s-soċjeta' attriċi ippreżentat l-avviż tat-talba għal tali ħlasijiet fit-30 ta' Mejju 2023.

B'dan ukoll illi is-soċjeta' attriċi ippruvat sal-grad illi tirrkjedi l-Liġi t-talba tagħha u dan peress illi ppreżentat diversi dokumenti hawn fuq imsemmija.

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' attriċi qiegħda titlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali skond Artikolu 5 (e) il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mid-data ta' kull fattura hekk mhux imħallsa u tali imgħax jibqa' jiddekorri sakemm isir il-ħlas effettiv. B'dan illi pero', is-soċjeta' attriċi talbet illi tali imgħax jibda jiddekorri mis-17 ta' April 2023 sad-data tal-ħlas effettiv. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) ikun applikabbli. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

Fir-rigward tal-ispejjeż in konnessjoni mal-ittra uffiċċjali bir-riferenza 2050/2020, is-soċjeta'

[1] 27 ta' Ottubru 2017, Qorti tal-Appell, Ref.: 442/2008

attriċi ippreżentat kopja tat-tali ittra li tinsab a fol. 9 u b'dan illi tali spejjeż iridu jitħallsu mill-konvenut.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-socjeta´ attriċi għall-ammont ta´ elf disa' mija u wieħed u tmenin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 1,981.68) rappreżentanti servizzi tat-telefonija mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut bil-kont bin-numru 40475322 kif ukoll l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) li beda jiddekorri mis-17 ta' April 2023 sad-data tal-ħlas effettiv u kif ukoll l-ispejjeż in konnessjoni mal-ittra uffiċċjali bir-riferenza 2050/2020 u jikkundanna lill-konvenut sabiex jagħmel dawn l-imsemmmija ħlasijiet.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur